# L-Ewwel Kappillan ta' Għajnsielem

## Il-Kan. Anton Cauchi Vig. Ġen.



Meta r-raħal ta' Għajnsielem sar parroċċa għalih, bla dubju kien jeħtieġ li jkollu Kappillan. F'dawk iż-żminijiet Malta u Għawdex bħala Djoċesi waħda kienet immexxija minn Mons.Isqof Publiju Mattei da Conti Sant. Kien fiż-żmien li fih Għawdex kien għad ma kellux isqof għalih u dak ta' Malta kien irragħaj spiritwali tażżewġ gżejjer.

Qabel is-sena 1855, is-sena li fiha Għajnsielem sar parroċċa, Dun Anton Cauchi kien diġa' jaqdi r-raħal ta' Għajnsielem fil-kwalita' ta' Viġarju Kurat, imma bil-ħidma għaqlija tiegħu, b'digriet tal-20 ta' Jannar 1855 u fuq rakkomandazzjoni ta' l-isqof, fuq imsemmi, Mons. Publiju Mattei, il-Papa Piju IX (illum Beatu) lill-knisja tagħna, iddedikata lil Marija Lawretana ġiet mgħollija għat-titlu ta' Paroċċa, u bħala l-ewwel kappillan tagħha ġie ipproponut il-Vigarju Kurat tagħha, Dun Anton Cauchi.

Dun Anton Cauchi, kif kien isir f'dak iż-żmien, wara l-għażla tiegħu bħala kappillan, kiteb it-talba tiegħu għal din il-ħatra lill-Gvernatur Ingliż li kien irieġi lil Malta u Għawdex. Cauchi għalhekk talab l-Awtorita' tal-Knisja biex ikollha din l-approvazzjoni u fil-fatt iċ-Chief Segretary tal-Gvernatur ta l-approvazzjoni tiegħu għal din il-ħatra tal-Kappillan Cauchi u għaddiha lill Mons. Isqof. Din l-approvazzjoni li ġġib id-data tad-29 ta' Marzu 1855 u d-Dokument illum jinsab fil-Kurja ta' l-Arċisqof ma' l-Atti Ċivili fil-Volum 201 -p.25 tas-sena 1855. Din l-approvazzjoni tal-Gvernatur tinqara hekk; " His Excellency The Governor is pleased to approve of the appointment of Sacerdote Antonio Cauchi to be Parish Priest of the Parish Church of Ghain Sielem in the Island of Gozo.

By Order
(sgd) Chief Segretary to Goverment
Valletta 29thMarch 1855

Dun Anton Cauchi, iben Gulielmu Cauchi u Ursola nee' Cini kien ordnat saċerdot fl-24 ta' Settembru,1836. flimkien ma' Dun Ġużepp Agius, minn Għawdex ukoll u nassumi li kienu ġew ordnati saċerdoti ġewwa Malta. L-Isqof konsagranti kien Mons.Franġisku Caruana. Cauchi miet bħala Vigarju Ġenerali Onorarju fis-7 ta' filgħaxija tal-15 ta' Frar 1894 ta' 82 sena u ġie midfun fil-Katidral. Kien joqogħd fi Triq Pieta(illum Triq Mons. Ġużeppi Farrugia) fid-dar numru 98.

Jiena personalment inħobb insejjaħ lill Kap.Dun Anton Cauchi l-pijunier ta' l-is- iorja, mhux pero' dik bħala raħal, għax l-istorja ta' raħalna naħseb li ntilfet fil-baħħ taż- żmenijiet, iżda l-pijunier ta' l-istorja tal-Parroċċa tagħna.

Infatti rigward l-Isem "Għajnsielem" nibtu ħafna versjonijiet differenti, li ftit jew wisq, ilkoll għandhom mill-verita', għalhekk hu diffiċli tgħid liema hija l-verżjoni eżatta, iżda pero' bħala parroċċa, iddedikata lill-Madonna ta' Loreto, dejjem issemmiet verżjoni waħda, dik tad-Dehra tal-Madonna lil Anġlu Grech, imlaqqam "Tax-Xini" minn Għajnsielem, li kienet talbitu jwaqqfilha niċċa għad unur tal-Madonna ta' Loreto u anke indikatlu l-lokal fejn hija riedet titwaqqaf din in-niċċa.

Il-Kappillan Dun Anton Cauchi ħallielna bil-miktub "li assigurah ċertu Salvu Grima, bin Ġorġ, minn Nadur, raġel xwejjaħ, twajjeb u ta' min jemmnu illi bosta drabi f'ħajtu sema' mingħand

ommu , u mingħand nies xjuħ ta. min joqgħod fuq kliemhom, illi ċertu Anġlu Grech, imlaqqam, "Ta Xini" minn Għajnsielem, deheritlu Sinjura ħdejn l-għajn, imsejħa "Hajn Salem" u ordnatlu li jwaqqfilha statwa taħt it-titlu glorjuż ta' Loreto.(cfr. Ġrajjiet il-Parroċċa ta' Għajnsielem, miktuba mill-Arċipriet Guż. Zerafa)

Kieku ma kienx l-impenn tal-Kappillan Cauchi, li rreġistra fil-Kronaka tal-Parroċċa tagħna dak li kien sama' mix-xjuħ ta' żmienu, ma nafx kemm setgħet tibqa' kredibbli din it-tradizzjoni pietuża li oriġinat il-Parroċċa ta' Għajnsielem bit-Titlu glorjuż tat-Translazzjoni tad-Dar Imqaddsa tal-Madonna ta' Loreto u għalhekk jiena nħobb insejjaħ lill-Kappillan Cauchi l-pijunier ta' l-istorja tal-Parroċċa tagħna . Grazzi Kappillan Anton Cauchi.

Il-poplu ta' Għajnsielem kellu xewqa kbira li jara l-Knisja tiegħu ssir parroċċa u l-ħidma għaqlija tal-Viċi Kurat , Dun Anton Cauchi ħalliet il-frott tagħha għax b'digriet tal-20 ta' Jannar, 1885 il-Papa (illum Beatu) Piju IX) fuq rakkomandazzjoni ta' l-Isqof Mons. Publiju da Conti Sant, għamel il-knisja ta' Għajnsielem parroċċa għalija.( cfr. Ġrajjiet GhSielem ta' Arċ Ġ' Zerafa) .

Minn dan naraw li l-Kappillan Cauchi sa minn qabel ma sar kappillan ta' raħalna, kif il-fuq ktibna, li sa mindu kien għadu biss Viċi Kurat stinka biex il-knisja tal-Madonna ta' Loreto ssir parroċċa u rnexxielu.

Dun Anton Cauchi li ġie magħżul l-ewwel kappillan ta' Għajnsielem ħa l-pussess fl-14 ta' April,1855 minn idejn il-Pro-Vigarju Kan. Dun Mikiel Sammut, delegat ta' l-Isqof Sant . F'dak iż-żmien Għawdex kien għadu ma twaqqafx bħala djoċesi għalih u għalhekk Għajnsielem kienet l-aħħar parroċċa li twaqqfet meta l-Gzżra Għawdxija kienet għadha taħt il-ġurisdizzjoni ta' l-Isqof ta' Malta, li f'dik l-epoka kif semmejna, kien l-Isqof Sant.

Kif jidher mir-reġistri tal-Parroċċa Dun Anton Cauchi "dam jieħu ħsieb ir-raħal tagħna, l-ewwel bħala Viċi-Parroku u wara bħala kappillan għal xi 21 sena (ivi) u
fiż-żmien li dam f'Għajnsielem hu għamel diversi opri li fosthom hu ta' min isemmi l-oqbra fil-knisja u fis-sagristija, il-qampiena ż-żgħira, pissidi tal-fidda maħdum f'Marsilja (ivi) u dak kollu li kull parroċċa jkollha meħtieġ għas-servizzi tagħha liturġiċi.

Sa mill-bidu tal-parrokat tiegħu l-Kappillan Cauchi kien għamel rikors lill-Kurja ta'. Malta biex jitwaqqfu żewġ konfraterniti, dik tas-SS. Sagrament u dik ta' l-Imqaddes Ružarju, u sa fejn stajt nifhem jiena, il-konfraternita' tar-Ružarju hija amalgamata ma' dik tal-Madonna ta' Loreto u difatti għadni niftakar li fost il-membri tal-fratelli tar-Ružarju kont nara fil-medaljuni li kien ikollhom imdendla ma' għonqhom xi fratelli kienu jġibu l-figura tal-Madonna fuq id-Dar fil-waqt li xi membri oħra kien ikollhom medaljuni bin-Nome di Maria..

Il-Proneputi ta' dan il-kappillan, l-Arċ. tax-Xewkija Dun Anton Grima ħalla miktub taħt il-kwadru-pittura ta' dan il-kappillan li jinsab f'waħda mis-sagristijiet tal-knisja tagħna l-qadima din il-kitba: " Mons. Anton Cauchi resse questa chiesa con zelo, amore, e carita'...dal 24 Dicembre 1842 (Vicendario): da parroco dall-4 Aprile al 24 Aprile al 29 Marzo 1864. Elevato a Canonoco della S. Chiesa Cattedrale ed a Vigario Generale di Mons. Pietro Pace. .Mori' il 15 Febraiao 1894 all-eta' di 81 anno" u li bil-Malti tinqara hekk: " Mons. Anton Cauchi mexxa din il-Knisja ta' Għajnsielem b'żelu, imħabba u karita' mill-24 ta' Diċ. 1824 bħala Vigarju Kurat u bħala Kappillan mill-24 ta' April sad-29 ta' Marzu 1864 . Magħżul bħala kanoniku tal-Knisja Katedrali u mbagħad ukoll bħala Vigarju Ġenerali ta' l-Isqof Pietro Pace. Miet fil-15 ta' Frar 1894 fl-eta' ta' 82 sena.

Bil-kortesija tas-Sur Lorenzo Zahra li hu midħla tal-arkivju fil-Kurja Arċiveskovili ta' Malta waslitilna fotokopja tar-rikors li l-Kappillan Cauchi kien għamel meta applika biex ikun aċċettat bħala kanonku tal-Kapitlu tal-Matriċi, meta fil-Matriċi kien hemm vaganti żewġ kanonikati. Fit-tweġiba pożitiva tal-għażla tiegħu hemm imsemmija l-virtujiet sbieħ tal-Kappillan Anton Cauchi, li jinqraw hekk:" Vitae ac morum honestas, alioque laudabilia probatiis"(Cit.Doc.)" Datum in Palatio Arciepisopali Civitas Valletta . Die 14 Martii 1864). Dan id-dokument jikkonferma kemm ħalla miktub tajjeb il-pronepputi tiegħu, l-Arċ. tax-Xewkija Dun Anton Grima taħt il-qwadru-pittura tal-Kappillan A. Cauchi li jinsab, kif diġa' għidna iktar fuq, fis-sagristija tal-knisja ż-żgħira ta' Għajnsielem.

Dun Karm Cassar.